MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 528/2010

**Carmel Tanti – ID-355165M**

**vs**

**Pierre Agius – ID-202564M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' April tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill- attur is-somma ta' elf mitejn u sebgha u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,227.38) bl-imghax legali dekorribbli mill-10 ta' Mejju 2007 oltre l-ispejjez, u dana l-ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar ghal servizzi rezi u pprovduti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici,

Sema' lill-attur Carmel Tanti jikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub minnu kien ghadu dovut peress illi baqa' ma sar l-ebda pagamenti mill-konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri. Spjega wkoll l-attur kif il-konvenut kien inkarigah biex iroddlu servizz ta' entertainment tramite l-muzika tieghu; u ghalkemm il-konvenut kien beda jhallas xi pagamenti akkont huwa ma baqax ihallas u ghalhekk l-attur kellu jintavola dawn il-proceduri biex jithallas il-bilanc lilu dovut.

Ra li ghalkemm imsejjah diversi drabi l-konvenut ma deherx ghas-seduta tallum li kienet intiza ghall-provi tieghu, u ghalhekk wisq anqas gab provi biex b' xi mod jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attru s-somma elf mitejn u sebgha u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,227.38) bl-imghax legali dekorribbli kif mitlub mill-10 ta' Mejju 2007, u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------